MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 472/2010

**Rosaria Zammit**

**Vs**

**Joseph Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Marzu 2010 fejn l-attrici talbet illi l-konvenut ghandu jigi kkunddannat ihallas lil-attrici s-somma ta' elfejn tlett mija u tnejn u sebghin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€2,372.23) rapprezentanti nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni ghall-minuri Vincentia mis-sena 2005 il quddiem.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut , bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attrici ghas-subizzjoni tas-socjeta konvenut sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament tiegha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, u kkontesta il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi pero naqas milli jidher ghal kull seduta li nzammet mit-Tribunal hlief dik tas-26 ta' Novembru 2010 u l-avukat difensur tieghu deher ghas-seduta tat-2 ta' Frar 2011.

It-Tribunal ra l-provi mressqa mill-attrici.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mil-attrici fis-seduta fl-14 ta' Mejju 2012 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lil-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elfejn tlett mija u tnejn u sebghin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€2,372.23) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------